Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2216(INI)

05.02.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-promozzjoni ta' governanza transnazzjonali tal-ilma fl-interess tal-paċi u tal-prevenzjoni tal-kunflitti (2025/2216(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Leoluca Orlando

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 7

ANNEX: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT.....8

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-promozzjoni ta' governanza transnazzjonali tal-ilma fl-interess tal-paċi u tal-prevenzjoni tal-kunflitti (2025/2216(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU fuq il-protezzjoni u l-użu ta' passaġġi tal-ilma transkonfinali u għadajjar internazzjonali (Konvenzjoni dwar l-Ilma) tal-1992,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2025 dwar l-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma[1],

– wara li kkunsidra l-iskeda informattiva tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem bit-titolu "The Right to Water" (Id-Dritt għall-Ilma), ippubblikata f'Awwissu 2010,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2018 dwar id-diplomazija fil-qasam tal-ilma,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2021 dwar l-ilma fl-azzjoni esterna tal-UE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 121 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2025 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2024[2],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2025),

A. billi l-ilma huwa essenzjali għas-sopravivenza tal-umanità u tal-ħajja kollha fid-Dinja u għalhekk jeħtieġ li jiġi ġestit b'mod sostenibbli u ġust;

B. billi l-aċċess għall-ilma huwa dritt tal-bniedem u prerekwiżit għall-istabbiltà u l-paċi;

C. billi t-tibdil fil-klima jirrappreżenta theddida kbira għar-riżorsi tal-ilma u għall-ekosistemi akkwatiċi, u jaggrava l-istress idriku;

D. billi ċ-ċikli idriċi qed isiru dejjem aktar irregolari u huma kkaratterizzati minn tibdiliet f'daqqa bejn nixfa severa u għargħar devastanti, xprunati mit-tibdil fil-klima; billi r-reġjuni glaċjali kollha fid-dinja rrappurtaw telf ta' silġ f'dawn l-aħħar snin; billi l-attivitajiet tal-bniedem huma responsabbli għal ammont sinifikanti ta' tniġġis tar-riżorsi

[1] Testi adottati, P10_TA(2025)0091.
[2] ĠU C, C/2025/4390, 9.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/4390/oj.

tal-ilma ħelu madwar id-dinja;

E. billi l-akwiferi, il-lagi u l-baċiri idrografiċi transfruntiera kondiviżi minn żewġ pajjiżi jew aktar jammontaw għal 60 % tal-flussi tal-ilma ħelu tad-dinja;

F. billi l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ma għandhom l-ebda arranġament transfruntier fuq korpi tal-ilma kondiviżi;

G. billi l-istress idriku u l-azzjonijiet unilaterali minn pajjiżi f'ilmijiet transfruntiera, bħat-tniġġis jew l-isfruttament żejjed, jew il-kostruzzjoni ta' infrastruttura għandhom implikazzjonijiet għall-istati kollha li jmissu ma' dawk l-ilmijiet; billi t-tilwim dwar l-aċċess għall-ilma jwassal u jista' jqanqal kunflitti usa', b'konsegwenzi serji għall-istabbiltà reġjonali u għas-sigurtà tal-bniedem;

H. billi għalkemm storikament l-ilma serva bħala katalist għall-kooperazzjoni, matul dawn l-aħħar 10 snin il-kunflitt dwar l-ilma qabeż il-kooperazzjoni;

I. billi l-utenti upstream tas-sistemi tal-ilma għandhom xi vantaġġi relattivi fuq l-utenti downstream;

J. billi l-kunflitt armat u l-okkupazzjoni jfixklu b'mod sinifikanti l-aċċessibbiltà għall-ilma u l-kooperazzjoni transnazzjonali dwar l-ilma;

1. Jirrakkomanda li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà:

   (a) iżidu r-rwol li għandha l-governanza transfruntiera tal-ilma fl-azzjoni esterna tal-UE, sabiex taġixxi bħala għodda sinifikanti għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti u għall-bini tal-fiduċja fil-livelli reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, speċjalment f'żoni vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima u fejn l-ilma diġà huwa skars;

   (b) jindirizzaw in-nuqqas ta' ftehimiet operattivi bejn il-gvernijiet li jikkondividu l-baċiri tal-ilma transfruntiera u jagħmlu disponibbli l-għarfien espert kif ukoll l-assistenza teknika u finanzjarja kollha meħtieġa tal-UE biex jappoġġjaw lill-gvernijiet fl-istabbiliment u fl-implimentazzjoni ta' tali arranġamenti kif ukoll organizzazzjonijiet tal-baċiri idrografiċi;

   (c) isaħħu r-rwol li għandha l-governanza transnazzjonali tal-ilma fl-azzjoni esterna u d-diplomazija tal-UE u għal dan il-għan jipprovdu lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lid-Delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja bir-riżorsi finanzjarji u umani xierqa biex jibdew u jakkumpanjaw il-ġestjoni transfruntiera tal-ilma u l-attivitajiet ta' diplomazija fuq il-post fil-pajjiżi sħab u bejniethom;

   (d) jiżguraw żieda fil-finanzjament u finanzjament kostanti għall-ġestjoni transfruntiera tal-ilma tal-UE fl-azzjoni esterna tal-UE taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;

   (e) jespandu l-ambitu ġeografiku tal-proġetti tal-UE dwar il-governanza transfruntiera

tal-ilma lil hinn mill-Afrika u l-Asja Ċentrali għall-Ameriki, il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq, u l-Asja tal-Lvant u tan-Nofsinhar permezz ta' approċċ ta' Tim Ewropa;

(f) isaħħu l-kooperazzjoni multilaterali dwar l-ilma, b'mod partikolari fi ħdan in-NU billi jkomplu u jżidu l-globalizzazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Ilma u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), b'mod partikolari l-SDG6 dwar l-ilma nadif u s-sanità;

(g) jinvestu f'ħarsa ġenerali aktar trasparenti tal-appoġġ kollu tal-UE li għaddej bħalissa ddedikat għall-promozzjoni tal-ġestjoni transfruntiera tal-ilma internazzjonalment u jiżguraw il-koerenza u s-simplifikazzjoni tax-xogħol u tal-finanzjament kollu fid-Direttorati Ġenerali rilevanti kollha u bejn is-SEAE u l-Kummissjoni;

(h) jaħdmu kull fejn ikun possibbli biex jiżguraw ilma nadif u ta' kwalità għolja, jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u jimplimentaw diversi teknoloġiji innovattivi tal-ilma, inklużi soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;

(i) jiżguraw li l-inizjattivi tal-UE dwar l-ilma madwar id-dinja jindirizzaw il-lakuni persistenti fid-data u n-nuqqas ta' kondiviżjoni tad-data bejn il-gvernijiet billi l-pajjiżi sħab jiġu mgħammra b'riżorsi tekniċi u fiżiċi biex jimmonitorjaw il-livelli tal-ilma u l-kwalità tal-baċiri transfruntiera b'mod effettiv, u billi jiskambjaw id-data u jrawmu standards komuni għall-ġbir tad-data bejn il-pajjiżi sħab sabiex tiżdied il-kompatibbiltà;

(j) jippromwovu strumenti ta' kooperazzjoni intergovernattivi u reġjonali fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, b'enfasi partikolari fuq l-iżgurar tad-distribuzzjoni ġusta tal-ilma bejn il-pajjiżi u s-setturi tan-negozju, u jappoġġjaw strutturi ta' governanza fil-livell lokali u komunitarju sabiex jippromwovu t-teħid ta' deċiżjonijiet inklużiv u l-ġestjoni tal-ilma;

(k) isaħħu l-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u ta' twissija bikrija tal-UE permezz tad-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji moderni; isaħħu l-monitoraġġ tal-iskarsezza tal-ilma u r-riskji ta' kunflitt relatati mal-ilma madwar id-dinja, bħall-użu tal-ilma bħala arma u l-infrastruttura tal-ilma u ċ-ċaħda intenzjonata tal-aċċess għall-ilma, u jagħmluh parti mis-sistemi ta' prevenzjoni tal-kunflitti taċ-Ċentru ta' Rispons għall-Kriżijiet tas-SEAE;

(l) jinċentivaw u jiffinanzjaw ir-riċerka dwar il-ġestjoni transfruntiera sostenibbli tal-ilma, il-kondiviżjoni tal-ilma, il-kooperazzjoni u l-innovazzjoni, inkluż permezz ta' Orizzont Ewropa;

(m) jaħtru uffiċjal għoli tal-UE bħala Rappreżentant Speċjali tal-UE inkarigat li jipprevjeni u jsolvi kunflitti relatati mal-ilma, jippromwovi l-kooperazzjoni dwar l-ilma, u jipproteġi s-sorsi u s-sistemi tal-ilma, inkluż waqt kunflitti armati u f'ambjenti transfruntiera;

(n) isaħħu r-rwol tad-dritt internazzjonali u tal-qrati internazzjonali fis-soluzzjoni tat-tilwim dwar il-kunflitti madwar il-korpi transnazzjonali tal-ilma biex jiġu żgurati

ċ-ċarezza u r-responsabbiltà għall-obbligi legali tal-istati kollha li jmissu mal-ilmijiet transnazzjonali kkonċernati;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

NOTA SPJEGATTIVA

L-ilma huwa essenzjali għall-ħajja. L-aċċess għall-ilma sikur huwa dritt tal-bniedem u prerekwiżit għall-istabbiltà u l-paċi.

Madankollu, l-iskarsezza tal-ilma qed tiżdied. L-użu industrijali eċċessiv, il-popolazzjoni żejda, u t-tniġġis qed jikkawżaw stress idriku fuq livell globali, filwaqt li l-effetti tat-tibdil fil-klima kkawżat mill-bniedem ikomplu jaggravaw il-fenomenu. Aktar minn nofs l-ilma ħelu tad-dinja jiċċirkola minn fruntiera għal oħra, u aktar minn 150 pajjiż jikkondividu baċiri idrografiċi transfruntiera. Ħafna minn dawn il-baċiri jinsabu f'reġjuni kkaratterizzati minn instabbiltà, stress klimatiku u istituzzjonijiet dgħajfa. Spiss ikun hemm aċċess mhux ugwali għar-riżorsi tal-ilma, kondiviżi bejn il-pajjiżi jew fi ħdanhom, minħabba ġestjoni ħażina u politiki inadegwati. Dan huwa rikonoxxut dejjem aktar bħala punt li jwassal għall-fraġilità, il-migrazzjoni, l-ispostament, u sors dejjem jikber ta' tensjoni, instabbiltà u kunflitt, fl-istati u bejniethom. Filwaqt li dan ir-rapport ifittex li jenfasizza modi kostruttivi li bihom l-UE tista' tipprevjeni l-kunflitt permezz ta' governanza transnazzjonali tal-ilma, jeħtieġ li jiġi nnotat li f'diversi kunflitti armati, l-atturi globali jirrestringu l-aċċess għall-ilma biex jikkawżaw kriżijiet umanitarji u jeqirdu l-infrastruttura tal-ilma għal raġunijiet militari tattiċi.

L-istrumenti esterni eżistenti tal-UE diġà huma attivi dwar is-suġġett, inklużi l-NDICI - Ewropa Globali, Global Gateway u l-inizjattivi tad-Diplomazija tal-UE dwar l-Ilma. Filwaqt li huma milqugħa u utli, mhumiex biżżejjed waħedhom: iridu jiġu aġġornati, iffinanzjati aħjar u kkoordinati aħjar biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni reġjonali effettiva, isaħħu l-istituzzjonijiet tal-ġestjoni tal-ilma u jimmobilizzaw l-investiment sostenibbli; l-istrumenti esterni tal-Unjoni għandhom jintużaw ukoll b'mod aktar attiv fi sħubija mal-Istati Membri tal-UE u l-għodod u l-kapaċità finanzjarji u amministrattivi tagħhom.

Barra minn hekk, hemm ħtieġa urġenti li jissaħħaħ l-involviment estern tal-UE u tas-SEAE fil-qasam tal-kooperazzjoni transfruntiera dwar l-ilma permezz tad-djalogu politiku, il-medjazzjoni, is-sensibilizzazzjoni diplomatika, l-assistenza teknika u l-bini tal-kapaċitajiet, il-kondiviżjoni tad-data, il-ġestjoni tal-baċiri, il-promozzjoni ta' teħid ta' deċiżjonijiet u governanza trasparenti appoġġjati minn istituzzjonijiet kredibbli u oqfsa legali b'attenzjoni partikolari mogħtija lill-atturi lokali, u tiġi promossa governanza inklużiva li tqis il-ħtiġijiet tal-komunitajiet vulnerabbli u tal-minoranzi.

It-tisħiħ tal-governanza transnazzjonali tal-ilma huwa investiment fit-tul fl-istabbiltà, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-iżvilupp sostenibbli. F'dan il-kuntest, l-azzjoni esterna tal-Unjoni għandha tirrikonoxxi u tippromwovi dejjem aktar ir-rilevanza strateġika tal-governanza transnazzjonali tal-ilma bħala strument ewlieni għall-prevenzjoni ta' konflitti fit-tul, l-istabbiltà reġjonali, l-ugwaljanza soċjali u s-sigurtà tal-bniedem kif ukoll għall-iżvilupp sostenibbli. Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET) tal-Parlament Ewropew għandu jiżgura li l-governanza transnazzjonali tal-ilma tiġi rikonoxxuta bħala prijorità diplomatika u ta' sigurtà fi ħdan il-politika barranija tal-UE - fil-reġjuni tal-viċinat u tat-tkabbir bħall-Balkani, il-MENA u s-Saħel, kif ukoll fl-impenn globali tal-Unjoni.

ANNEX: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li fir-rapport tiegħu inkluda kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċieva, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza
2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).